MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 8/2006/1

**Emanuel Gauci**

**v.**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell, interpost mill-Avukat Generali, minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti iddecidiet hekk:

"…tiddikjara illi s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-2 ta' Frar 2006 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Supt. N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emanuel Gauci* tikkostitwixxi lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent[1] kif protetti u sanciti fl-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u tal-Ewwel Skeda tal-Kapitlu 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u fl-artikoli 39(1) u 39(7) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artikoli l-ohra kollha indikati mir-rikorrenti u konsegwentement (**2**) tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-2 ta' Frar 2006 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Supt. N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emanuel Gauci*, (**3**) tordna li l-esponent [**recte**: rikorrent] jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha qabel it-2 ta' Frar 2006 u (**4**) tordna l-prosegwiment tas-smigh ta' l-appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-13 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet *Il-Pulizija (Supt. N. Harrison u Spt. Norbert Ciappara) vs Emmanuel Gauci* fuq il-meritu u jekk ikun il-kaz dwar il-piena. Spejjez kollha kontra l-intimat."

**2.** Il-fatti li taw lok ghal din is-sentenza u, per konsegwenza, ghall-appell odjern, kienu s-segwenti: Emanuel Gauci tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fit-28 ta' April 2001 akkuzat bir-reati ta' assocjazzjoni fil-bejgh jew traffikar ta' kokajina, importazzjoni ta' kokajina, traffikar ta' l-istess droga, kif ukoll bir-reati ta' pussess ta' kokajina taht cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu u korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku. Wara d-debiti kunsensi ta' l-Avukat Generali, il-kaz gie deciz minn dik il-Qorti – pero` issa bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – fit-13 ta' Ottubru 2005. Permezz ta' din is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2005, l-imsemmi Emanuel Gauci ma nstabx hati ta' l-akkuza ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku izda nstab hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha konnessi mad-droga, u gie kkundannat hames (5) snin prigunerija, multa ta' tlett elef

[1] Emanuel Gauci

lira (Lm3,000), kif ukoll gie ordnat li jhallas l-ispejjez peritali.

**3.** Gauci appella – u minn hawn bdew il-problemi. Fir-rikors ta' appell tieghu huwa ssolleva bhala l-ewwel aggravju l-fatt li s-sentenza appellata kienet inghatat fil-konfront ta' E**mm**anuel Guaci – b'zewg "m" – mentri hu kien registrat fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu bhala E**m**anuel – b' "m" wahda! Hu kkontenda, ghalhekk, li dik is-sentenza ma kienet "tikkostitwixxi ebda stat fil-konfront tieghu", fis-sens li ma kienitx ezegwibbli fil-konfront tieghu. <u>Fil-meritu</u>, l-appellant Gauci sostna li l-Qorti tal-Magistrati kienet ghamlet applikazzjoni skorretta tal-ligi u konsegwentement apprezzament kompletament zbaljat u irragjonevoli tal-provi. Hu appella wkoll mill-piena. Pero` fl-istess rikors ta' appell huwa indika lilu nnifsu bhala "E**mm**anuel" – "Rikors ta' l-Appell ta' Emmanuel Gauci". L-appell gie appuntat ghas-smigh ghall-10 ta' Novembru 2005 quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), u f'dik il-gurnata l-appell gie trattat u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-2 ta' Frar 2006. Qabel ma nghatat din is-sentenza, pero`, gew presentati u skambjati rikorsi u noti mill-partijiet (ara fol. 538 sa 546 tal-attijiet ta' dik il-kawza). Mill-atti – fol. 517 sa 547 – ma jirrizultax li l-Avukat Generali qatt issolleva b'xi mod formali l-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell.

**4.** Fis-sentenza taghha tat-2 ta' Frar 2006, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali issollevat hi *ex officio* il-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta' l-appell, billi effettivament iddikjarat l-imsemmi rikors bhala rritu u null u astjeniet milli tiehi konjizzjoni ulterjuri tieghu. B'hekk, s'intendi, ghaddiet in gudikat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati minghajr ma kien hemm ezami – ghax dak li timporta n-nullita` tar-rikors ta' appell – tal-aggravji fil-meritu u l-aggravju dwar il-piena. Fil-fehma tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali, galadarba l-<u>original</u> tas-sentenza, cioe` dik li inkitbet *di proprio pugno* mill-Magistrat, kienet korrettement tindika isem l-appellant bhala "E**m**anuel" (b' "m" wahda) ma kien hemm ebda irregolarita` fis-sentenza, minkejja li kienet inharget kopja (li kienet anke nghatat lil Gauci, fejn ismu kien imnizzel bhala "E**mm**anuel"; din – l-original – kienet

taghmel stat fil-konfront ta' l-appellant u kienet ezegwibbli kontra tieghu, u ghalhekk l-ewwel aggravju tieghu kien infondat. Dik il-Qorti, pero`, imbaghad irriteniet li, galadarba r-rikors ta' l-appell kien ta' "E**mm**anuel Gauci" flok, kif kellu jkun, ta' "E**m**anuel Gauci", u kien gie presentat b'okkju skorrett[2], l-istess rikors kien, fuq l-iskorta ta' xi gurisprudenza li giet citata fl-istess sentenza[3], wiehed null. Dik il-Qorti osservat hekk:

"Illi dan lanqas mhu xi kaz ta' xi zball ta' *typing* jew xi *lapsus calami* li – f'xi kazijiet limitati – jista' jigi korreggut, ghaliex l-appellant iddikjara hu stess[4] li kien intavola l-appell bl-isem li kien jaf li hu skorrett biex ikun konformi mal-gurisprudenza f'dawk il-kazijiet fejn ikun hemm appell b'aggravju simili. Ghalhekk kienet decizjoni deliberata din tieghu li jappella b'isem zbaljat biex ikun jista' jivvantaggja ruhu tattikament u proceduralment mill-eccezzjoni li kien qed iressaq – eccezzjoni li pero`, kif intqal, ma hix akkolta u per konsegwenza issa, kif jinghad bl-Ingliz: *He fell between two stools*."

**<u>Ir-rikors promotorju</u>**

**5.** Fir-rikors promotorju tieghu tas-16 ta' Frar 2006, kif integrat bir-rikors tat-8 ta' Marzu 2006, Emanuel Gauci allega li "l-konsegwenza drakonjana li waslet ghaliha l-Qorti tal-Appell [**<u>recte</u>:** il-Qorti ta' l-Appell Kriminali] fis-sentenza taghha u cioe` li diskrepanza f'ittra mill-isem shih tar-rikorrent timporta n-nullita` tar-rikors tal-appell tieghu" kienet tammonta ghal lezjoni tad-dritt tieghu ta' access ghal qorti li huwa parti integrali mid-dritt ghal smigh xieraq, bi ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll tal-istess Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Allega wkoll li l-fatt li huwa kien inghata kopja ta' sentenza li ma kienitx fidila ghall-original tal-Magistrat (ghax dik miktuba mill-Magistrat kellha ismu miktub tajjeb, b' "m" wahda,

---

[2] "Il-Pulizija (Supretendent Neil Harrison, Spettur Norbert Ciappara) vs E**mm**anuel Gauci" minflok "…vs E**m**anuel Gauci".

[3] **Pulizija v. Charles Camilleri** 12.10.1978; **Pulizija v. Dorianne Cassar** 23.01.2003

[4] Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu tal-15 ta' Dicembru 2005, fol. 543 tal-atti tal-kawza kriminali.

mentri il-kopja kellha ismu miktub "Emmanuel") b'mod li hu gie zvijat fid-difiza tieghu bi "pregudizzju gravi" ghalih, kien jammonta ghal lezjoni tal-Artikolu 39(7) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni.

## Is-sentenza appellata

**6.** Il-Prim Awla tal-Qorti Civili waslet ghall-konkluzjoni taghha, imsemmija fil-paragrafu **1** *supra*, wara li ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"Mill-bidu nett ghandu jinghad li l-fatt li r-rikorrenti ttanta jivvantaggja ruhhu b'xi mod mid-diskrepanza li setgha kien hemm fil-kopja dattilografata tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ma jista qatt ikun ta' pregidizzju ghall-istess rikorrenti. Ir-rikorrenti ghandu kull dritt li jipprova idawwar ghal vantagg tieghu kwalunkwe punt procedurali jew fil-mertu li jkun inqala fil-kors tal-process penali kontra tieghu. Ghalhekk tali punt procedurali jew fil-meritu jista jkun eventwalment ta' beneficcju ghalih. Kif svolgew l-affarijiet u kif jidher li qed jissottometti l-intimat, l-insistenza tar-rikorrenti fuq il-punt preliminari minnu sollevat wassal li l-appell ma giex trattat fil-meritu jew dwar il-piena. Jidher ghalhekk li r-rikorrenti gie rinfaccjat b'sitwazzjoni fejn minhabba li ttanta, bir-ragun jew le, li jiehu vantagg minn sitwazzjoni fattwali, huwa sab ruhu li l-access tieghu ghal proceduri tal-Qorti gie stultifikat u ma nghatax dritt ta' appell dwar il-mertu u l-piena inflitta. Ma hemmx dubju li r-rikorrenti sab ruhu f'sitwazzjoni li hija maghrufa fil-gurisprudenza ta' Strasbourg bhala "a disproportionate hindrance" fl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu fil-process penali in kwestjoni. Ma hemmx xejn irregolari li r-rikorrenti semma l-punt ta' kif tnizzel ismu fil-kopja dattilografata tas-sentenza. F'kaz li dan l-aggravju jigi respint huwa talab li l-appell jigi trattat fil-mertu u dwar il-piena;

"In effett il-Qorti Ewropeja[4] fil-kaz fl-ismijiet **Beles and Others v. Czech Republic** (12 ta' Novembru 2002) irriteniet - *"The Court has already stated on a number of*

[4] Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem

*occasions that the right to a fair trial, as guaranteed by Article 6(1) of the Convention, must be construed in the light of the rule of law, one of the fundamental aspects of which is the principle of legal certainty, which requires that all litigants should have an effective legal remedy enabling them to assert their civil rights. ... It further reiterates that the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in lodging an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy. ... A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on the merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed ... Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of the applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6(1) of the Convention. There has therefore been a violation of Article 6(1) of the Convention;"*

"Hu importanti ghalhekk li kollox jigi interpretat fid-dawl tal-principju tar-"rule of law". Fil-process penali l-akkuzat ghandu ikollu rimedju effettiv sabiex jiehu d-drittijiet tieghu. Huwa ghandu ukoll ikollu protezzjoni effettiva tad-drittijiet tieghu. Aspetti procedurali huma intizi biss biex tigi assikurata l-amministrazzjoni gusta tal-gustizzja. Ghalhekk ir-regoli procedurali u l-applikazzjoni taghhom m'ghandhomx jipprekludu lill akkuzat li l-appell tieghu jigi trattat fil-meritu u b'hekk huwa ikollu rimedju effettiv sabiex jigu salvagwardati d-rittijiet tieghu;

"F'dan il-kaz jista jinghad li l-Qorti tal-Appell Kriminali bid-decizjoni taghha li ma tittrattax il-meritu naqset li tissalvagwardja id-drittijiet tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq. Il-Konvenzjoni u l-Kostituzzjoni taghna jridu jiggarantixxu drittijiet li huma prattici u effettivi u mhux drittijiet teoretici u illuzorji;

“Hu ovvju ukoll li r-rikorrenti kellu d-dritt li jinghata kopja korretta u fidila tas-sentenza. Hu presunt li meta r-rikorrenti nghata l-kopja huwa nghata kopja fidila tal-original. Ir-rikorrenti ghalhekk kien korrett meta mexa fuq dak li kien hemm fl-istess kopja dattilografata tas-sentenza u essenzjalment ma kienx hemm ghalfejn li r-rikorrenti jqabbel l-istess kopja mal-original;

“In vista ta dan kollu jirrizulta sufficjentement li d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti gew lesi u ghalhekk it-talbiet kollha tieghu ghandhom jigu akkolti u dana peress ukoll li t-talbiet tar-rikorrenti jikkostitwixxu rimedju effettiv.”

## L-appell ta’ l-Avukat Generali

**7.** Kif inghad, l-Avukat Generali appella permezz ta’ rikors intavolat fil-15 ta’ Mejju 2006. L-appellant ghandu erba’ aggravji, li jistghu jigu sintetizzati hekk: (**i**) Fil-kaz in dizamina, id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma llediet ebda dritt ta’ access ghall-Qorti ta’ l-appellat Gauci, ghax kien hu stess li, flok ma ghamel uzu mill-mezzi li taghtih il-ligi[5] biex jitlob korrezzjoni fir-rikors ta’ appell tieghu (biex igib ismu jaqbel ma’ dak tas-sentenza originali) wara li intebah li kien hemm divergenza bejn l-original u l-kopja li kienet inghatat lilu, baqa jinsisti fuq l-eccezzjoni preliminari tieghu. Skond l-appellant din l-intransigenza ta’ Gauci ikkostringiet lill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali “tghid li l-mod kif kien miktub [ismu] fl-okkju tar-rikors ta’ appell ma kienx kaz ta’ *lapsus calami* ghax, kif intqal qabel, ir-rikorrent appellat iddikjara hu stess li intavola l-appell bl-isem li kien jaf li hu skorrett.” (**ii**) Kwantu ghas-subartikolu (7) ta’ l-Artikolu 39[6] tal-Kostituzzjoni, l-appellant jikkontendi li dan b’ebda mod ma

[5] L-Artikolu 175 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, illum rez applikabbli ghal proceduri quddiem Qrati ta’ Gustizzja Kriminali permezz tal-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 520 tal-Kodici Kriminali.

[6] **39(7)**: “Meta xi hadd jghaddi proceduri dwar reat kriminali, il-persuna akkuzata jew xi persuna awtorizzata minnha ghal hekk ghandha, jekk hekk tehtieg u bi hlas ta’ dak id-dritt ragonevoli li jista’ jkun preskritt b’ligi, tigi moghtija fi zmien ragonevoli wara s-sentenza kopja ghall-uzu tal-persuna akkuzata ta’ kull inkartament tal-proceduri maghmula minn jew ghan-nom tal-qorti.”

gie vjolat. (**iii**) B'referenza ghall-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll, l-appellant jikkontendi li l-ewwel Qorti ma spjegat b'ebda mod kif id-dritt sancit b'dana l-artikolu gie lez; u fi kwalunkwe kaz, bhal fil-kaz tal-Artikoli 6(1) u 39(1) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament (l-ewwel aggravju), ma kien hemm ebda lezjoni tad-dritt ta' appell. U (**iv**) ma kien hemm ebda lezjoni tad-dritt protett bl-Artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni[7]. Skond l-appellant, it-tmint ijiem utili biex jappella kienu aktar milli sufficjenti biex l-appellat Gauci, bhala appellant quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, jabbozza r-rikors ta' appell tieghu kif imiss; u "…fl-ebda stadju quddiem l-Ewwel Qorti ma ngiebet prova mir-rikorrent appellat li ma kellux il-facilitajiet xierqa sabiex jipprepara ghad-difiza tieghu stante li huwa kellu a disposizzjoni tieghu dak kollu neccessarju sabiex iressaq l-appell tieghu."

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**8.** Din il-Qorti baqghet allibita kif, fuq semplici "m" zejda fil-verzjoni Ingliza tal-isem "Manwel" seta' jinqala dak li effettivament inqala f'dan il-kaz. L-iskop tal-ligi li tirrikjedi li s-sentenza moghtija minn Qorti ta' Gustizzja Kriminali jkun fiha l-isem (ossia l-isem u l-kunjom) ta' l-imputat jew akkuzat li jkun qed jigi kkundannat jew liberat huwa sabiex, f'kaz ta' kundanna, dik l-istess sentenza tkun tista' tigi ezegwita fil-konfront tal-persuna li giet effettivament ikkundannata u mhux fil-konfront ta' xi persuna ohra; filwaqt li f'kaz ta' liberazzjoni, il-persuna hekk liberata, u mhux persuna ohra, tkun tista' teccepixxi n-*ne bis in idem* fil-kaz li terga' tigi imputata bl-istess fatt. Sakemm l-identita` tal-persuna tkun evidenti, jew tkun tirrizulta mill-atti (per ezempju, b'referenza li tkun tista' ssir mill-atti ghall-paternita` u l-maternita` tieghu jew ghad-data tat-twelid jew ghan-numru tal-karta ta' l-identita`) din il-Qorti ma tistax tifhem kif jistghu jigu eccepiti nullitajiet[8]. Huwa

---

[7] **6(3)(b)**: "Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu d-drittijiet minimi li gejjin…li jkollu zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu…"

[8] Ara piu` o meno f'dan is-sens, pero` certament mhux f'cirkostanzi identici ghal dawk tal-kaz odjern, is-sentenzi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Claudio Tonna** 31/07/1987, **Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Vella** 28/11/1988, **Il-Pulizija v. Charlie Zammit** 30/11/1990, u **Il-Pulizija v. Karl Muscat u Derrick Burdett** 28/05/1993.

interessanti, infatti li la l-Artikolu 382 tal-Kodici Kriminali (li jipprovdi x'ghandu jkun fiha sentenza tal-Qorti tal-Magistrati) u lanqas l-Artikolu 419 ta' l-istess Kodici (li jipprovdi dwar x'ghandu jkun fih ir-rikors ta' l-appell) ma jispecifika xejn in partikolari dwar l-isem tal-persuna kkundannat jew illiberata, jew dwar l-isem ta' l-appellant: dan ta' l-ahhar, cioe` l-Artikolu 419, jirreferi biss ghall-"indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji", li fin-nuqqas taghhom l-att ma jigix null bhalma jkun il-kaz jekk ikun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta' l-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja. Fl-fehma ta' din il-Qorti isem l-ikkundannat, fis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tat-13 ta' Ottubru 2005 seta' tnizzel bhala Manwel Gauci jew Emmanuele Gauci. Fil-kaz in dizamina ma kienx hemm, fis-sentenza jew fir-rikors ta' l-appell, isem jew kunjom kompletament differenti minn dak tal-persuna kkundannata u li kienet qed tappella[9]; kiem hemm biss l-istess isem miktub "Emmanuel Gauci" u "Emanuel Gauci".

**9.** Kien ghalhekk kjarament ghal kollox barra minn loku li l-appellant ittanta jqajjem, quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, xi pregudizzjali bbazata fuq jekk ismu kellux jinkiteb b' "m" wahda jew b'zewg "m". F'dan is-sens din il-Qorti ma tista' tikkondividi b'ebda mod il-kumment maghmul mill-Prim Awla, fis-sentenza appellata, li Gauci kellu "…kull dritt li jipprova jdawwar ghal vantagg tieghu kwalunkwe punt procedurali…li jkun inqala' fil-kors tal-process penali kontra tieghu." L-appellant Gauci quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma kellu ebda dritt jahli z-zmien ta' dik il-Qorti b'banalitajiet bhal dawk li effettivament qajjem dwar ismu u l-isem li kien hemm fis-sentenza li minnha kien qed jappella.

**10.** Dan stabbilit, pero`, galadarba l-eccezzjoni procedurali giet respinta mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali minhabba li l-original tas-sentenza kien jirrispekkja l-isem kif l-appellant

---

[9] Bhalma kien, per ezempju, l-kaz fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-29 ta' Ottubru 1990 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Alfred Kitcher**.

stess kien qed jippretendi li kellu jinkiteb, dik il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – ma setghetx imbaghad tghaddi biex tiddikjara null ir-rikors ta' l-appell fuq il-bazi li "…irrizulta li l-appell gie presentat b'okkju skorrett u interpost f'isem appellant li ma jikkorrispondix ghall-isem korrett li gie indikat fis-sentenza appellata", ghax b'hekk hija kienet qed taghmel taghha l-istess skorrettezzi u spropositi procedurali ta' l-appellant. Mhux hekk biss, izda ma hemm ebda disposizzjoni tal-ligi li b'xi mod kienet tikkonforta tali decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Jinghad a skans ta' ekwivoci li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet mill-punto di vista ta' logika ineccepibbli; kienet biss il-premessa li giet indotta timxi fuqha mill-istess appellant, li kienet zbaljata.

**11.** Din il-Qorti, fis-sentenza taghha moghtija aktar kmieni din is-sena fil-kawza fl-ismijiet **Patrick Mangion v. Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija** kienet qalet hekk fir-rigward tad-dritt ta' access ghal qorti li huwa insitu fl-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament:

"Mill-banda l-ohra, l-Artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament, ukoll invokati mill-appellant, jirreferu b'mod generali ghad-dritt ta' smigh xieraq minn qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti, liema dritt jinkludi d-dritt ta' access effettiv ghal qorti jew tribunal imparzjali w indipendenti. In fatti, kif gie ritenut fir-rigward ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni:

**"The Court recalls that Article 6 para 1 embodies the 'right to a court', of which the right of access, that is, the right to institute proceedings before a court in civil matters, constitutes one aspect. However this right is not absolute, but may be subject to limitations; these are permitted by implication since the right of access by its very nature calls for regulation by the State. In this respect, the Contracting States enjoy a certain margin of appreciation, although the final decision as to the observance of the Convention's requirements rests with the Court. It must be satisfied that the limitations**

**applied do not restrict or reduce the access left to the individual in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired. Furthermore, a limitation will not be compatible with Article 6 para 1 if it does not pursue a legitimate aim and if there is not a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be achieved…"** [10]

"Dawn il-principji japplikaw ukoll f'kazijiet meta l-ligi domestika, bhal fil-kaz ta' l-appellant Mangion, taghti dritt ta' appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati li tkun sabet lil dak li jkun hati ta' reat: dak id-dritt ta' appell (f'dan il-kaz lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali), ghalkemm jista' jkun regolat u ristrett, ma jistax ikun regolat u ristrett b'tali mod li jgib fix-xejn id-dritt innifsu, u l-limitazzjonijiet u restrizzjonijiet irid ikollhom ghan legittimu u jkun hemm proporzjonalita` bejn il-mezz adoperat u l-ghan li jkun irid jintlahaq. Ta min josserva f'dan ir-rigward li anke l-Artikolu 2 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni – li l-appellant Mangion b'ebda mod ma hu qed jinvokah, minkejja li kien applikabbli f'Ottubru tal-2002 [11] – li jipprovdi ghad-dritt ta' appell f'materja kriminali, jghid testwalment li: *L-ezercizzju ta' dan id-dritt, inkluzi r-ragunijiet abbazi ta' dak l-ezercizzju* [12]*, ghandhom ikunu regolati bil-ligi.*"

**12.** Fil-kaz in dizamina din il-Qorti, u kuntrarjament ghal dak li qed jissottometti l-appellant Avukat Generali, tara li s-sitwazzjoni li temergi mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tat-2 ta' Frar 2006 hi li ghalkemm Gauci thalla jaghmel sottomissjonijiet kemm fuq l-eccezzjoni preliminari kif ukoll fil-meritu, dik il-Qorti, wara li rrigettat l-eccezzjoni preliminari, ghaddiet *ex officio* biex proceduralment tistronka l-ezami ta' l-aggravji fil-meritu u fuq il-piena billi ddikjarat ir-rikors ta' appell irritu u null, u dan fuq is-semplici bazi li isem l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu kien qed jigi indikat bhala "Emmanuel" minflok "Emanuel". Fi kliem iehor, id-dritt ta' access ghal

[10] ***Stubbings v. United Kingdom*** (1996) 23 EHRR 213, para. 50.
[11] Ara l-Artikolu 7 tal-Kap. 319.
[12] Traduzzjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti infelici, ta' l-espressjoni bl-ingliz "…including the grounds on which it may be exercised…".

qorti u d-dritt ta’ smigh xieraq waslu sa l-eccezzjoni preliminari; kif appena dik l-eccezzjoni giet deciza, il-Qorti stronkat il-proceduri hesrem ghal raguni li mhux biss ma ssib ebda bazi fil-Kodici Kriminali jew Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili (ghalkemm jidher li hemm xi gurisprudenza ta’ dik il-Qorti f’dak is-sens), izda li meta wiehed iqis it-tenwita` tal-bazi fattwali minn naha u l-konsegwenzi ghal Gauci min-naha l-ohra, wiehed ma jistax ma jasalx ghall-konkluzzjoni li d-dritt ta’ smigh xieraq (inkluz dak ta’ access ghal qorti) kif ukoll id-dritt ta’ appell gew lezi f’dan il-kaz. Konsegwentement din il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu kien hemm lezjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 6(1) tal-Konvenzjoni u 2 tas-Seba’ Protokoll ta’ l-istess Konvenzjoni.

**13.** Kwantu, pero`, jirrigwarda l-Artikoli 6(3)(b) u 39(7) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni rispettivament, din il-Qorti tara li l-appellant Avukat Generali ghandu ragun. B’ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni – li jidher li l-appellat Gauci ma hux nieqes minnha – ma jista’ wiehed jghid li ghax il-kopja tas-sentenza moghtija mir-Registratur lil Gauci kienet tindika l-isem tieghu miktub b’zewg “m”, allura hu ma nghatax il-kopja li kien intitolat ghaliha, jew li b’hekk hu ma kellux zmien u facilitajiet xierqa ghall-preparazzjoni tad-difiza tieghu. Il-verita`, fil-fehma kunsidrata ta’ din il-Qorti, hi li Gauci, jew min kien qed jassistih, ipprova jibni kaz banali fuq semplici *lapsus calami*, liema kaz spicca biex irridonda kontra tieghu. La s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali u lanqas l-agir tar-Registratur – li fi kwalunkwe kaz ma hux parti f’dawn il-proceduri – ma vvjolaw xi dritt protett bl-imsemmija disposizzjonijiet.

**<u>Decide</u>**

**14.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti, tilqa’ l-appell ta’ l-Avukat Generali in parti biss, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata tat-12 ta’ Mejju 2006 billi thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn iddikjarat li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali ta’ l-appellat Emanuel Gauci kif protetti u sanciti bl-Artikolu 39(7) tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 6(3)(b) tal-Konvenzjoni, izda tikkonferma s-

sentenza appellata fil-bqija. Kwantu ghall-ispejjez, peress li kien l-appellat Gauci li pprecipita l-problema kollha b'eccezzjoni banali (illum sorpassata), l-ispejjez kollha kemm ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet. Fl-ahhar nett, din il-Qorti tordna li, tramite r-Registratur, Qrati u Tribunali Civili u r-Registratur, Qrati Kriminali u Tribunali, kopja ta' din is-sentenza tingieb minnufih ghall-attenzjoni ta' l-Imhallef tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li lilu jmissu t-turn li jisma' l-appell ta' Emanuel Gauci fuq il-meritu u jekk ikun il-kaz dwar il-piena, kif ordnat bis-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------